MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta tal-15 ta' April, 2008

Numru 629/2000

Il-Pulizija
(Sp Josric Mifsud u Sp Alexander Miruzzi)
vs
Otis Cassar, iben Joseph, imwieled Valletta fl-4 ta' settembru, 1972

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputat talli f'dawn il-gżejjer, fis-6 ta' settembru, 2000, u fil-jiem ta' qabel, fl-Isptar San Luqa, Gwardamangia, u fi bbnadi oħra f'Malta, f'ħinijiet differenti –

a. forna jew ipprokura jew offra li jforni jew li jipprokura d-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, lill-persuna jew persuni jew għall-użu ta' persuna/l mingħajr ma kellu liċenzja mill-President ta' Malta, mingħajr ma kien awtorizzat bir-Regoli ta' l-1939 għall-

kontroll intern tad-drogi perikolużi (G. N. 292 ta' l-1939) jew minn xi awtorita' mogħtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga u mingħajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tas-sitt taqsima ta' l-Ordinanza msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u mingħajr ma kellu liċenzja li jipprokura l-istess droga u dan bi ksur tar-Regolament 4 tar-Regoli ta' l-1939 għall-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292 ta' l-1939) kif sussegwentenment emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

b. kellu fil-pussess tiegħu d-droga eroina, speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħruġ mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u tas-6 taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-użu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-Regolament 8 tar-Regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikolużi (G.N. 292 ta' l-1939) kif sussegwentenment emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi, Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta, liema droga nstabet f'tali ċirkostanżi li juru li ma kienitx għall-użu esklussiv tiegħu;

c. talli biegħ jew xort' oħra ttraffika fir-raza meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bħala bażi din ir-raza;

d. talli kellhu fil-pussess tiegħu r-raza meħuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li kollhom bħala bażi din ir-raza u dan bi ksur ta' l-artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

e. talli kellu fil-pussess tiegħu mediċina ristretta u psikotropika meta ma kienx awtorizzat kif imiss bi ksur tar-Regolament 5(1) tal-A. L. 22 ta' l-1985, kif

sussegwentement emendat, u l-artikoli 35(b) u 89(A) u it-tielet skeda ta’ l-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u il-Professjonijiet li għandhom x’jaqsmu magħha, Kapitolu 31 tal-Liġijiet ta’ Malta u l-artikolu 16 ta’ l-Att V ta’ l-1985, kif emendat;

f. talli fl-istess data, ħin u ċirkostanżi kiser Probation Order, artikolu 5 tal-Kapitolu 152 tal-Liġijiet ta’ Malta, mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-8 ta’ ottubru, 1999 liema sentenza saret definittiva.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-liġi tordna lill-imputat iħallas l-ispejjeż li għandhom x’jaqsmu mal-ħatra ta’ l-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat il-kunsens tal-Avukat Ġenerali skond l-artikolu 22(2) ta’ l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kapitolu 101 tal-Liġijiet ta’ Malta).

Rat il-kontr’ ordni tal-Avukat Ġenerali tal-5 ta’ mejju, 2003 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Semgħet il-provi.

Rat id-dokumenti eżebiti.

Semgħet lill-prosekuzzjoni u lill-avukat ta’ l-imputat.

Ikkunsidrat,

Illi mill-provi prodotti jirrizulta li fis-6 ta’ settembru, 2000 għal ħabta tal-10.00 p.m. il-pulizija ġiet infurmata li Thomas Baldacchino, li dak iż-żmien kien residenti fil-Faċilita’ Korrettiva ta’ Kordin, u li dak il-ħin kien qed jinżamm l-isptar fis-sala ta’ l-ortopedija, gl-Isptar San Luqa, kien ġie ammess fit-taqsima tal-kura ntensiva jsofri b’dak li deher li kien overdose minn droga.

Illi l-pulizija marru fuq il-post u ġie notat li waħda min-nurses li kienet qed tieħu ħsiebu ħarġet pakkett tas-sigaretti minn ħżiem Baldacchino u fih instab biċċa foil b’xi sustanza kannella. Tfiċċija fuq affarijiet oħra li kellhu

Baldacchino fil-kamra tiegħu ta’ l-isptar rrizulta fin-negattiv.

Illi minn investigazzjoni preliminari rrizulta li dak in-nhar l-imputat flimkien ma l-ħabiba tiegħu Ramona Vassallo kienu marru darbtejn iżuru lil Thomas Baldacchino fl-isptar.

Illi fuq l-iskorta ta’ din l-informazzjoni l-pulizija marru fir-residenza ta’ dawn iż-żewġ persuni, li dak iż-żmien kienu joqgħodu s-Swieqi. Għalhekk, fis-siegħat bikrin tas-7 ta’ settembru, 2000 il-pulizija għamlet raid fil-fond fejn kienu joqgħodu l-imputat u Ramona Vassallo. Il-pulizija ħabbu l-bieb biex dawn jiftħu. L-imputat ra li kienu Pulizija u naqas li jiftaħ. Għalhekk, il-pulizija daħlet bil-forza f’dan il-fond u hemmhekk instabet kwantita’ żgħira ta’ droga u żewġ pilloli ta’ l-ecstacy. Jirrizulta li Ramona Vassallo assumiet ir-responsabilita’ għal din id-droga kollha billi stqarret li din kienet tagħha u l-imputat ma kien jaf xejn, ħlief fil-mument li l-pulizija daħlet fil-fond. Il-Qorti ġiet infurmata li l-pulizija ħadet passi kriminali kontra Ramona Vassallo u li l-kawża tagħha ġiet deċiża.

Illi fit-8 ta’ settembru, 2000 Thomas Baldacchino rrilaxxa stqarrija lill-pulizija fejn qal li l-imputat kien tah id-droga u kien tahielu b’xejn. Hu qal li l-imputat kien ġablu l-eroina lesta msajjra f’siringa f’pakketta tal-gallettini. Hu qal ukoll li l-imputat ġablu biċċa blokka wkoll. Dan id-diskors ikkonfermah fil-prezenza tal-Maġistrat Inkwirenti.

Illi Ramona Vassallo xehdet li kien l-imputat li qallha biex tmur tixtri l-pakkett gallettini u hi xtrat il-gallettini u żewġ flieken ‘coca cola’ mill-canteen ta’ l-isptar. Hi ċaħdet li hi jew l-imputat messew dan il-pakkett, fis-sens li fetħuh u tefgħu ġo fih id-droga. Hi kkonfermat li l-imputat kien ta l-borża kontenti dawn l-oġġetti lill-iskorta li kien għassa ma Thomas Baldacchino.

Illi l-espert forensiku eżamina l-pakkett tal-gallettin li nstab li kien fih tnax (12) il-gallettina u biċtejn foil. L-eżami fuq il-foil kien fin-negattiv.

Illi l-imputat ċaħad li hu forna d-droga lil Thomas Baldacchino. Il-versjoni tal-fatti li hu ta hi identika għax-xhieda ta' Ramona Vassallo. L-uniku ndizzju kontra l-imputat hi x-xhieda ta' Thomas Baldacchino.

Illi mill-provi kollha prodotti din il-Qorti mhiex tal-fehma li fiċ-ċirkostanżi kollha ta' dan il-każ hi għandha ssib ħtija unikament fuq ix-xhieda ta' Thomas Baldacchino, anki jekk tali xhieda ġiet ikkonfermata fil-prezenza tal-Maġistrat Inkwirenti.

Għaldaqstant, ma ssibx lill-imputat ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu u għalhekk tilliberah mill-istess akkużi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------